# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 244/2013**

Il-Pulizija

vs

**Lawrence Galea**

iben Michael, imwieled Attard, fit-18 ta’ Gunju, 1975, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 334675(M)

Illum, 21 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotta kontra l-appellant Lawrence Galea quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fid-9 ta' Gunju 2012 ghall-habta ta' 10.00hrs gewwa Triq il-Kbira, Birkirkara:

1. Hebb ghal martu Ann Marie Galea u ikkaguna griehi ta’ natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Rose Borg MD ta’ Birkirkara;

2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lill-persuna ta' martu Ann Marie Galea biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd

mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Mejju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1), 251B(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabitu hati u ikkundannatu ghal tlett (3) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence Galea tat-23 ta' Mejju, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata tat-tlettax (13) ta' Mejju 2013 li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Lawrence Galea* per Magistrat Anthony J Vella u b'dana li ma ssibx lill-appellant hati ta' l-istess akkuzi u minnhom tilliberah biex b'hekk tillibera lill-istess appellant minn kull htija, jew alternativament tvarja s-sentenza f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta fuq l-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

**L-Ewwel Aggravju**

Illi l-appellant umilment qed jisottometti li l-provi dokumentali pprezentati minn Ann Marie Galea m'humiex ammissibli bhala prova skont il-ligi u ghalhekk ma kellhomx u m'ghandhomx jittiehdu bhala prova kontra l-appellant. Dan qieghed jinghad minhabba l-fatt illi c-certifikat tat-Tabiba Rose Borg ma kienx wiehed igguramentat u lanqas ma gie kkonfermat b'affidavit quddiem l-Ewwel Qorti u dana a tenur tal-artikolu 646(7) tal-Kodici Kriminali li jghid is-segwenti:

*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra, certifikat li jkun jidher li gie mahrug minn tabib registrat jew kirurgu dentali registrat dwar l-ezami tieghu ta' xi persuna, sew jekk hajja jew mejta, jew dwar xi offiza fuq il-persuna li xi hadd isofri jew dwar xi marda fizika jew tal-mohh li xi hadd ikollu, jista' jingieb bhala prova u, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, ghandu jkun prova tal-kontenut tieghu, basta li c-certifikat ikollu ttimbru li jinqara car tat-tabib jew kirurgu dentali li johrog dak ic-certifikat li jkun juri ismu, il-kwalifiki*

*professjonali tieghu, l-ispecjalizzazzjoni tieghu u l-indirizz tieghu u basta dak ic-certifikat ikun konfermat b'affidavit mit-tabib jew mill-kirurgu dentali, skont il-kaz: izda wkoll, il-parti l-wahda u l-ohra jistghu jgibu lill-imsemmi tabib jew lill-imsemmi kirurgu dentali, skont il-kaz, biex jigi ezaminat fil-qorti u viva voce, u l-qorti tista' wkoll ex officio tordna dak l-ezami.*

Ghalhekk din il-prova dokumentarja m'ghandha l-ebda valur legali sabiex treggi bhala prova kontra l-istess appellant.

Illi iktar minn hekk hemm konflitt serju bejn dak li xehdet l-parte civile f'dina l-kawza u l-verzjoni tal-appellant. Fil-fatt l-appellant fix-xhieda tieghu qal li huwa ma kienx hemm izda kien ghand iz-zija tieghu jiehu kafe peress illi kien ghadu kemm jispicca minn *night watch.* Minn naha l-ohra Anne Marie Galea qalet illi hija kienet qieghda gol-karozza flimkien ma ommha, gie l-appellant, fethilha l-bieba tal-karozza, hadilha c-cwievet, u skont hi taha daqqa ghal xejn b'xejn filwaqt illi l-appellant qed jghid illi qatt ma kien prezenti.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant u fid-dawl tal-inverosimilita' tax-xhieda ta' Galea li qalet illi l-appellant qabad itiha ghal xejn b'xejn, u flimkien mal-fatt illi l-provi dokumentarji migjuba huma provi inammissibli skont il-ligi, dan kollu ghandu jimilita a favur tal-appellant li ghandu jigi lliberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

Illi l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali ma jistax jirrizulta tenedo kont tal-fatti tal-kaz odjern. L-appellant jissotmetti illi certament ma kienx hemm "imgieba" – fit-test Ingliz "course of conduct" – ghall-finijiet tal-imsemmi Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali.

Hawnhekk l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza Pulizija vs. Raymond Parnis deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Vincent Degaetano 24 ta' April 2009 fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

"*Dwar dana l-aggravju l-appellant ghandu ragun, ghakemm, kif ser naraw, kien hemm effettivament kemm insulti fil-konfront ta' martu kif ukoll breach of the peace. Dak li jirrizulta li gara huwa li l-appellant – li gie mkecci temporanjament mid-dar matrimonjali mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) pendenti l-ezitu ta' kawza ta' separazzjoni – mar hdejn din id-dar bil-pretest li jrid igib xi haga li kien halla fil-garage u, kif ra li kien hemm ragel qed ibajjad u li hu ma kellux pjacir bih, beda jghajjat, keccih il-barra u anke qal kliem malafamanti fil-konfront ta' martu. Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008 1: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct...It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday...*"

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skont ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9.*"

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant hawnhekk gie ampjament ippruvat li fil-fatt kien hemm incident wiehed u ma kienx hemm '*course of conduct*' hekk kif trid il-ligi sabiex tirrizulta l-akkuza fl-artikolu 251B.

**It-Tielet Aggravju**

Illi dana l-aggravju tirrigwarda il-piena li imponiet l-Ewwel Qorti.

Illil-Ewwel Qorti mponiet piena karcerarja kumplessiva ta' tlett (3) xhur.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant dina l-Qorti ghandha tikkonsidra fatti li certament jimmilitaw favur ta' piena mhux ta'prigunerija u cioe' li hawnhekk si tratta ta' persuna li ghandha fedina penali nadifa u huwa *first time* offender f'ghajnejn il-ligi.

Illi jekk fl-ghar ipotezi dina l-Qorti ssib htija fl-appellant ghalkemm l-attegjament tal-appellant m'huwiex b'xi mod gustifikabbli ghandu jittiehed in konsiderazzjoni biex dina l-Onorabbli Qorti ma timponix piena karcerarja effettiva.

Illi ghalhekk l-appellant isostni illi jekk il-Qorti ma tilqax l-aggravji hekk kif mressqa minnhu, ghandha tvarja s-sentenza taghha ghal dak li jirrigwardja l-piena billi ma taghtix piena karcerarja

u fid-dawl ta’ dan l-appellant jaghmel riferenza ghas-sentenza *Pulizija vs. Loreto Farrugia* per Magistrat Doreen Clarke (841/09) li nghatat fis-sittax (16) ta’ Awissu 2009 li fiha Farrugia kien akkuzat fuq multiplicita’ ta’ akkuzi (erbatax b’kollox) inkluzi l-ewwel u t-tieni akkuzi mertu ta’ dana l-appell u huwa nghata sentenza sospiza flimkien ma multa u garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9. L-appellant jaghmle referenza wkoll ghas-sentenza Il-Pulizija [Spettur Jesmond Borg] vs Mohamad Ibrahim Ali S. Toba Abdul Wahid li nghatat fil-22 ta' Frar, 2010 Numru. 1276/2009 per Magistrat Claire Stafrace Zammit fejn hawnhekk l-imputat fuq ammissjoni nstab hati tal-multiplicita’ ta’ akkuzi migjuba kontra tieghu li kienu jinkludu ukoll l-artikoli 221 u 251B tal-Kapitolu 9 u nghata sentenza sospiza ta’ habs.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma' mill-gdid il-provi li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-9 ta' Gunju, 2012 ghal habta tal-10.00 a.m. Anne Marie Galea u ommha Carmen Camilleri kienu fil-karozza ta' Galea ftit il-boghod mill-Ghassa ta' Birkirkara fi Triq il-Kbira. Huma kienu marru hemm ghaliex Anne Marie Galea talbet l-assistenza tal-pulizija ghaliex riedet tmur fl-ex dar matrimonjali taghha biex tigbor xi affarijiet taghha. Fil-fatt il-gurnata ta' qabel hi kienet issepparat minn zewgha, l-appellant. Waqt li kienet ser titlaq minn fuq il-post, l-appellant mar fuqha, fetah il-bieba tal-vettura taghha u xerilha daqqa ta' ponn fuq ix-xelluq ta' geddumha. Wara hu telaq minn fuq il-post.

Illi meta l-pulizija kellmu lill-appellant hu cahad li kien fuq il-post u qal li kien ghand iz-zija tieghu. L-appellant ma gab ebda prova in sostenn tat-tezi tieghu.

Illi din il-Qorti ma temminx lill-appellant u fil-fehma taghha l-versjoni ta' Anne Marie Galea hi wahda veritjera u li tista' torbot fuqha.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda c-certifikat mediku ezebit a folio 5 tal-process. Hu car li dan ic-certifikat ma giex konfermat b'affidavit jew li t-tabiba in kwistjoni ntalbet tixhed f'dan il-process. Ghalhekk, l-artikolu 646(7) tal-Kodici Kriminali ma giex rispettat u ghalhekk dan l-aggravju ghandu jigi milqugh. Ma dankollu, din il-Qorti kif intqal hawn fuq, temmen li l-appellant xejjer daqqa ta' ponn lil Anne Marie Galea li konsegwenza ta' dan garrab ferita ta' natura hafifa.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali dwar il-vjolenza fuq il-persuna. Hawnhekk, irid ikollok 'system of conduct' biex ir-reat kontemplat f'dan l-artikolu tal-Kodici Kriminali jissussisti. Qed issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet: "Il-Pulizija v. Raymond Parnis" tal-24 ta' April, 2009 per l-Imhallef Vincent Degaetano li kien iil-Qorti tikkondividi wkoll. Ghalhekk, f'dan l-appell in ezami dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Lawrence Galea dwar l-ewwel akkuza u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar it-tieni akkuza tilqa l-appell ta' Lawrence Galea. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena ta' tlett xhur prigunerija u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.